**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 32**

**IT-TNEJN 14 ta' DIĊEMBRU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER (wasal fis-5.45p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 31 Ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku ppproponiet. Il-Viċi Sindku ssekonda. Emmendi annessi mall-minuti oriġinali.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-ADT dwar l-olterazzjoni fis-sistema tat-traffiku fi Triq is-Sirk. Is-Segretarju wieġeb li għad ma waslitx risposta.

2. Il-Kunsillier talab biex issir laqgħa ma' l-accountant tal-Kunsill Pierre Mangion. Għal din il-laqgħa inportanti li jkunu preżenti l-Kunsillier Alfred Curmi u Mario Fava. Din il-laqgħa ser titratta dwar xi olterazzjonijiet fl-iskeda tal-pagamenti.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk sarx it-tindif fi Triq Żejni fil-parti tat-triq li għad mhux kostruwit. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-laqgħa bejn il-Kunsillier Shephard, il-Viċi Sindku u Simon Cioffi għad ma saritx. Din ser issir fl-ewwel ġimgħat tas-Sena l-ġdida.

4. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' tibjid fil-kolonni tal-mini fl-entratura tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba li l-ħaddiema ta' l-IPSL huma bil-leave, dawn ix-xogħlijiet ser jibdew fil-bidu tas-Sena l-ġdida.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk ġewx ippublikati l-offerti tal-knies, ġbir ta' skart domestiku u resurfacing tat-toroq tal-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ewwl żewġ offerti diġa ġew ippublikati pero' tat-toroq tal-Madliena, il-Perit tal-Kunsill għad qed jipprepara l-ispecifications għaldaqstant din ser tiġi ippublikata fl-ewwel ġimgħa tas-Sena l-ġdida.

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

6. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mingħand Dr. Said dwar l-intervent li kellu jagħmel mall-MEPA dwar il-fondi tal-UIF. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li risposta ma waslitx pero' fl-aħħar laqgħa li saret ma'Dr. Said, dan ikkonferma li l-fond allokat għas-Swieqi ser jagħmlu tajjeb għall-proġett ta' Triq il-Keffa. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Alfred Curmi, Paul Fenech u Rene Rossignaud.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

**Mill-Kunsillier Mario Fava (jkompli..................)**

7. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk waslitx xi applikazzjoni għall-Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sindku wieġbet li għal din l-attivita' ħadd ma applika.

8. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-ADT dwar il-one way fi Triq il-Markiz J. Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien għamel kuntatt mas-Sur Charles Muscat mill-ADT sabiex jitħaffef il-proċess ta' żewġ applikazzjonijiet (Triq is-Sirk u Triq Markiz J. Scicluna).

9. Il-Kunsillier staqsa dwar min ser jagħmel tajjeb għall-fondi għall-proġett tat-tarmak għat-toroq tal-Madliena. Is-Sindku wieġbet li l-fondi kollha għal dan il-proġett ser jiġu mill-Gvern Ċentrali.

10. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mid-dipartment ta' l-artijiet dwar id-devoluzzjoni tat-Tennis Club. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-applikazzjoni saret pero' d-dipartiment għad ma iffinalizzax.

11. Il-Kunsillier staqsa jekk l-accountant tal-Kunsill ġiex infurmat bil-kundizzjonijiet il-ġodda li inpona l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti u li għandhom jiżdiedu mall-kuntratt tiegħu. Is-Segretarju informa li l-accountant ġie infurmat pero' għad ma ġewx jiffirma l-Kuntratt.

12. Il-Kunsillier staqsa jekk sarx ir-rapport lill-Pulizija dwar it-tiġrijiet taż-żwiemel li ta' spiss isiru fil-Madliena fil-viċinanza ta' Stronka. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li r-rapport sar lill-Ispettur Martin Sammut u l-kwestjoni reġgħet tqajjmet waqt laqgħa ma' l-Ispettur Martin Sammut u s-Supretendent Stephen Gatt li saret fil-Kunsill. Is-Supretendent wiegħed li ser jivverifika u jieħu passi.

13. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mid-dipartiment dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet tal-culverts. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier talab informazzjoni dwar meta saret l-ewwel talba lid-dipartiment għal dawn ix-xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-informazzjoni tingħata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

14. Il-Kunsillier staqsa ukoll meta sar l-avviż lill-Kunsilli Lokali dwar il-vakanza ta' skrivana mall-Kunsill tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-informazzjoni tingħata fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

15. Il-Kunsillier talab biex isiru kuntatti ma' l-uffiċju tas-Segretarjat ta' Dr. Chris Said dwar il-possibilta' li dawn jissottomettu l-minuti tal-laqgħa li kellu l-Kunsill nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2009.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat dwar Kumpanija NGO (Noise adatement Society of Malta). Din il-kumpanija qed toħloq awareness dwar ħsejjes differenti li jsiru fil-lokalitajiet. Dawn il-ħsejjes jistgħu jkunu ta' ħsara għar-residenti. Din il-kampanja qed tistaqsi jekk dan il-Kunsill jixtieqx li jintegrata magħhom. Il-Kunsill qabel mall-kunċett pero' talab għall-aktar informazzjoni. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li meta ikollha kuntatt ma din il-kumpanija titlob aktar informazzjoni.

2. Is-Sindku nfurmat li ġew ippublikati l-offertu tal-knies u ġbir ta' skart domestiku. Fil-ġimgħat li ġejjin ser tiġi ppulikata l-offerti għat-tarmak ta' 22 triq fil-Madliena. L-Avviżi ser jidhru fuq il-gazzetta tal-Gvern u fuq l-Independent. Il-Kunsill talab biex din l-offerta tiġi ppublikata ukoll darbtejn fuq it-Times u s-Sunday Times. Il-Viċi Sindku ppropona u s-Sindku ssekondat.

3. Is-Sindku ppreżentat żewġ kwotazzjonijiet ta' U Bars biex jintużaw bħala sigurta' madwar il-bandli fi Gnien Sant' Andrija.

   | | | |
   |---|---|---|
   | Dawn kienu | €2884 - | Koptasin |
   | | €4506 - | Safety & Security. |

   l-Kunsill ideċieda dwar l-aktar offerta vantaġġuża.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat bl-allokazzjoni għal din is-Sena 2010. L-allokazzjoni taqra €491,417.

5. Is-Sindku nfurmat li l-ikla tal-Milied għall-Kunsillieri din is-Sena ser ssir fir-Restaurant Madliena Cottage nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2009 fit-8.30p.m. Hi staqsiet lill-Kunsillieri kollah biex jattendu.

6. Is-Sindku nfurmat li ser ikollha laqgħa mas-Supretendent u l-Ispettur tad-distrett dwar l-egħluq u l-aċċess tas-Swieqi lejliet il-Milied u lejliet l-ewwel tas-Sena. Il-Kunsillier Curmi, Rossignaud u l-Viċi Sindku jixtiequ li jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Il-Viċi Sindku Joe Bonello**

1. Il-Viċi Sindku rraporta li kellu laqgħa mas-Sur Simon Cioffi mill-Ministeru tar-Risorsi Umani. Fil-laqgħa ġew diskussi xogħlijiet ta' bankini li jsiru minn ħaddiema tal-Gvern (tad-distrett). Dawn iqumu lill-Kunsill €750 għal kull 100 metru. Il-Kunsill iħallas ukoll għall-materjal, konkos u kurduni). Il-ħaddiema ikunu taħt sorveljanza. Il-Viċi Sindku ukoll jissorvelja dawn ix-xogħljiet.. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet b' 5 ġimgħat ta' prova. Il-Viċi Sindku ppropona. Il-Kunsillier Fenech ssekonda. Il-Viċi Sinkdu u l-Kunsillier Fava ser isegwu dawn ix-xogħlijiet.

2. Il-Viċi Sindku ppropona li sakemm isiru x-xogħlijiet ta' tarmak fil-Madliena, għandu jsir il-patching fit-toroq. Fil-preżent il-Kumpanija V&C Contractors tista' toffri 2 ħaddiema bil-€104.85 kuljum + il-VAT. Dawn il-ħaddiema huma tal-Mestjer. Il-Viċi Sindku jikkonkluda li dawn il-ħaddiem kapaċi ilestu t-toroq tal-Madliena kollha f' 9 t'ijiem. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Viċi Sindku ppropona. Il-Kunsillier Fenech ssekonda.

**Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier spjega li kull meta tagħmel ix-xita qed iġorr kwantita' ta' ħamrija mill-ħwat ta' quddiem il-Forex Ironmongery. Hu ssugerixxa li għandha togħla aktar il-kurduna. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jivverifika.

2. Il-Kunsillier irraporta dwar Crane sorġut fi Triq it-Tiben. Il-Kunsillier sostna li dan għandu jħallas għall kull ġurnata kemm ilu sorġut. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jindaga.

3. Il-Kunsillier staqsa dwar indikazzjonijiet ta' meta ser tibda topera is-sistema Park & Ride. Is-Sindku nfurmat li għad ma waslitx konferma pero' l-ADT kienet ħarġet stqarrija li din is-sistema ser tibda topera fil-bidu tas-Sena l' ġdida.

4. Il-Kunsillier irraporta dwar il bżonn ta' tindif fiż-żona ta' Villa Roża fil-viċinanza tal-Kappella ta' Santa Rita. Is-Segretarju Eżek. ħa l-inkairgu li jikkomunika mall-Kuntrattur.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi informazzjoni mill-GRTU dwar meta ser issir l-laqgħa ta' kontinwazzjoni li kellha ssir dwar ħinijiet u regolamenti ta' parkeġġ fi pjazza ta' quddiem il-BOV. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għd ma waslitx konferma.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)

### Kunsillier Paul Fenech

6. Il-Kunsillier Fenech wera' x-xewqa li jiċċara xi punti mill-laqgħa preċedenti. Il-Kunsillier talab skuża lill-Kunsillieri kollegi tiegħu jekk f' xi każi naqas mir-rispett lejhom. Hu rrefera għall-istqarrija u anki akkużi li kien saru fil-konfront tiegħu mill-Kunsillier Shephard dwar xi ċitazzjonijiet li kienu ġew preżentati waqt is-seduta preċedenti.
   Il-kunsillier Fenech ippreżenta dokument ta' evidenza li juru ċar li l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu ma kienux korretti u għaldaqstant il-kunsillier Shephard kien zbaljat.

### Kunsillier Rene' Rossignaud

7. Il-Kunsillier irraporta dwar id-double yellow lines quddiem l-entraturi tal-Gnien Francis X. Ebejer. Hu rrakomanda li dawn għandhom jitneħħew peress li dawn qed inaqqsu l-parkeġġ. Il-Kunsill qabel mar-rikomandazzjonijiet. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jsegwi dawn ix-xogħlijiet.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Ġew imressqa kwotazzjonijiet għall-kaxxa tal-ħadid li tissiġilla l-arloġġ tal-meters ta' l-ilma fi Ġnien Sant'Andrija. Din il-kwotazzjoni taqra €380. Il-Kunsill ideċieda li din il-kwotazzjoni hi wisq għolja. Il-Viċi Sindku ser jivverifika dwar dawn ix-xogħlijiet.

2. Tqassmet korrispondenza mid-dipartiment ta' l-ismijiet tat-toroq dwar toroq mingħajr isem. Il-Kunsill talab biex tingħata kopja lill-Kunsillieri sabiex fis-seduta tal-Kunsill li jmiss jiġi ppreżentati is-suġġerimenti.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-persuna li kienet intagħżlet sabiex timla l-vaganza ta' skrivana mall-Kunsill irrifjutatt l-impieg, għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv irrikomanda li għandha tintagħżel il-persuna fit-tieni post. Din il-persuna hija s-Sur Daniel Falzon. Il-Kunsilliera li kienu jiffurmaw parti mill-bord ta' l-interviews qablu mal-proposta. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku pproponiet. Il-Kunsillier Paul Fenech ssekonda.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VI XIRI U AFFARIJIET OĦRA

1. Il-pagamenti kollha li dheru fuq l-iskeda tal-pagamenti gew approvati. F' dan l-istadju il-Kunsillier Fava reġa talab biex mill-aktar fis isir l-appuntament ma' l-Accountant tal-Kunsill sabiex titfassal skeda ta' pagamenti aktar ddetaljata.

Billi s-Sindku u l-Kunsilliera ma kellhomx aktar x' jiddiskutu is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8.30p.m. u sar aggornament għal nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar 2010 fil-5.30p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**